**A.L. 120 ta' l-2006**

# ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
# (KAP. 327)

## L-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Proof-Reading: Maltese taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà ta' l-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

### It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Proof-Reading: Maltese taħt l-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Arti.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà ta' l-Arti;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Proof-Reading: Maltese;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għas-Certificate in Proof-Reading: Maltese; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2006 jew wara.

**Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors**

3. (a) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università.

(b) L-applikanti għandu jkollhom ukoll ċertifikat li għaddew bi Grad Ċ jew aħjar fil-Malti fil-livell tal-Matrikola Avvanzata jew ekwivalenti.

**It-Tul tal-Kors**

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' sena ta' studju fuq bażi *part-time*.

**Il-Programm tal-Kors**

5. Il-Kors għandu jikkonsisti f'għadd ta' taqsmiet studju li għalihom hemm assenjati 30 kredtu kif ġej: 24 kredtu għal taqsimiet studju mgħallma u 6 kredti għal proġett.

6. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju mfassal skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali u approvat mis-Senat, qabel il-bidu ta' kull Kors. Bl-approvazzjoni tas-Senat, fil-każ li l-Bord ikun kostrett jagħmel xi tibdiliet, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-programm ta' studju.

**Ir-Riżultat tar-Rikonoxximent**

7. (1) Iċ-Ċertifikat jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kredti kollha indikati fl-ordinament 5.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.